**MALTA**

## TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta 30 ta' Settembru, 2016

Talba Numru: 233/2016AM3

Numru fuq il-Lista: 4

**Sirap Limited (C7395)**
**Sirap House, Sliema Road,**
**Kappara, San Gwann**
**SGN 06**

**Vs**

**Edric Edward Paul Bonello (0271799M) kemm f'ismu personalment u kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' Winetailors Limited (C35385)**
**2380/2340 Villa Sunrise,**
**Sliema Road,**
**Kappara**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-22 ta' Gunju, 2016 li permezz tieghu s-Soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut proprio et nomine tas-

somma ta' erba' mija u tmienja u sittin ewro (€468) liema ammont huwa in konnessjoni ma' konsenja ta' taghmir elettroniku relatat mal-kompjuters.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, t-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut proprio et nomine sabiex iħallas lis-Soċjeta` attriċi s-somma ta' erba' mija u tmienja u sittin ewro (€468) bl-imgħax legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data tal-ammont dovut sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, huma a karigu tal-konvenut proprio et nomine.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**